



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0199/2013**

5.6.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi  
(COM(2012)0381 – C7-0187/2012 – 2012/0185(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Vilja Savisaar-Toomast

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	13
PROCĊEDURA.....	15



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (COM(2012)0381 – C7-0187/2012 – 2012/0185(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0381),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0187/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati mill-Parlament Ċiprijott u mis-Senat u mill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Pajjiżi l-Baxxi, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0199/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 3**

---

<sup>1</sup> ĠU C44, 15.2.2013, p.128.

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi kkanċellata reġistrazzjoni ta' vettura fil-każijiet fejn, fost oħrajn, vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jew ġiet żarmata jew skreppjata.

**Emenda 2**  
**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tinżamm f'reġistri nazzjonali.

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi kkanċellata reġistrazzjoni ta' vettura **fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħha** fil-każijiet fejn, fost oħrajn, vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jew ġiet żarmata jew skreppjata.

*Emenda*

(4) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tinżamm f'reġistri **elettroniċi** nazzjonali.

*Emenda*

**(4a) Billi, sabiex jiġu ffaċilitati dawk il-kontrolli intenzjonati speċifikament biex jiġġieldu kontra l-qerq u l-kummerċ illeċitu ta' vetturi misruqa u sabiex isir kontroll tal-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali, huwa xieraq li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, ibbażata fuq skambju effettiv ta' informazzjoni, billi jintużaw bażijiet ta' dejta elettroniċi nazzjonali;**

## Ġustifikazzjoni

*Sabiex tinħoloq il-possibilità li jsir kontroll tal-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali jehntieg li jitrawwam l-użu ta' bażijiet ta' dejta elettroniċi kemm f'kull Stat Membru kif ukoll bejn l-Istati Membri.*

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 2 – punti (e) u (f)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) '*irtirar* ta' reġistrazzjoni': għandha tfisser perjodu limitat ta' żmien **li fih** il-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq, **mingħajr ma jkun involut** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni;

(f) 'kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni': għandha tfisser kanċellazzjoni permanenti tal-awtorizzazzjoni tal-vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq **filwaqt li jkun involut** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni."

#### *Emenda*

(e) '*sospensjoni* ta' reġistrazzjoni': għandha tfisser **att amministrattiv li bih, għal** perjodu limitat ta' żmien, il-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq, **u wara – kemm-il darba r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom japplikaw – tkun tista' terġa' tintuża mingħajr** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni;

(f) 'kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni': għandha tfisser kanċellazzjoni permanenti **mill-awtorità kompetenti** tal-awtorizzazzjoni tal-vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq, **li – jekk il-vettura tkun se terġa' tintuża fit-traffiku tat-triq – toħloq il-ħtieġa ta'** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni." **Id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jista' jressaq talba lill-awtorità kompetenti għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni.**

*(Skont din l-emenda 'irtirar' għandha tiġi sostitwita minn 'sospensjoni' fit-test kollu kemm hu.)*

**Emenda 5**  
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**  
Direttiva 1999/37/KE  
Artikolu 3 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dejta dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom f'reġistru elettroniku. Id-dejta f'dan ir-reġistru għandu jkun fiha ***L-elementi kollha skont l-Anness I*** kif ukoll ir-riżultati ta' testijiet obligatorji tal-affidabilità tad-dejta skont ir-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]. Huma għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta teknika dwar il-vetturi lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri tal-ittejtjar involuti fl-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

*Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dejta dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom f'reġistru elettroniku. Id-dejta f'dan ir-reġistru għandu jkun fiha ***d-dejta speċifikata fil-punti II.4 sa II.7 tal-Anness I*** kif ukoll ir-riżultati ta' testijiet ***perjodiċi jew testijiet*** obligatorji ***oħra*** tal-affidabilità tad-dejta skont ir-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]. Huma għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta teknika dwar il-vetturi lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri tal-ittejtjar involuti fl-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

**Emenda 6**  
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**  
Direttiva 1999/37/KE  
Artikolu 3a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-irtirar għandu jkun effettiv sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità ta' reġistrazzjoni għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq.

*Emenda*

L-irtirar għandu jkun effettiv sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità ta' reġistrazzjoni għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq; ***ma għandu jkun meħtieġ l-ebda proċess ta' reġistrazzjoni.***

**Emenda 7**  
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**



*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-każ li awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura *fl-aħħar stadju ta' ħajja* skont id-Direttiva 2000/53/KE, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkanċellata u din l-*informazzjoni* għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku.

*Emenda*

2. Fil-każ li awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura *li m'għadhiex tintuża* skont id-Direttiva 2000/53/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw***, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkanċellata u din l-*informazzjoni* għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku *tagħha*. ***Tali kanċellazzjoni ma għandhiex tinvolvi proċess ġdid ta' reġistrazzjoni.***

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

**4. Il-paragrafu li ġej jiżdied** mal-Artikolu 5:

"3. Fil-każ li Stat Membru jirċievi notifika li l-vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jikkancellar r-reġistrazzjoni ta' din il-vettura fuq it-territorju tiegħu.

*Emenda*

**5. Il-paragrafi li ġejjin jiżdiedu** mal-Artikolu 5:

"3. Fejn jagħti l-każ li Stat Membru jirċievi notifika li vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jikkancellar r-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura fuq it-territorju tiegħu.

***3a. Fejn jagħti l-każ li vettura tiġi reġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor u l-prova tal-aħħar test tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali jkun jidhru fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, l-Istat Membru li fih il-vettura hija rreġistrata mill-ġdid, meta jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid, għandu jirrikonoxxi l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u, kemm-il darba iċ-ċertifikat ikun validu f'dawk li huma***

*intervalli ta' ttestjar applikati fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni mill-ġdid, għandu jinkludi dikjarazzjoni f'dak is-sens fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid.*

*3b. Fejn jagħti l-każ li s-sjieda tal-vettura tinbidel u l-prova tal-aħħar test tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali jkun jidhru fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat, meta jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid lis-sid il-ġdid, għandu jirrikonoxxi l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u għandu jinkludi dikjarazzjoni f'dak is-sens fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid."*

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura fi Stat Membru ieħor jew fejn sid il-vettura jinbidel, il-kundizzjonijiet tekniċi tal-vettura ma jinbidlux u għalhekk il-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali għandha tkun rikonnoxxuta u ddikjarata fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid. Madankollu, peress li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jsiru intervalli ta' ttestjar aktar frekwenti milli previst fil-proposta għal regolament dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali, ir-rikonnoxximent reċiproku tal-validità għandu jkun soġġett għall-fatt li l-frekwenza tal-ittestjar mhijiex inqas fl-Istat Membru oriġinali milli hi fl-Istat Membru fejn issir ir-reġistrazzjoni mill-ġdid.*

#### **Emenda 9**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – punt 5**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 7 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. *Id-delega tas-setgħa*** msemija fl-Artikolu 6 għandha tingħata għal ***perjodu indeterminat ta' żmien*** mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***.

*Emenda*

**2. *Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati*** msemija fl-Artikolu 6 ***hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin*** mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża***

*awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*

## **Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – punt 6a (ġdid)**  
Direttiva 1999/37/KE  
Artikolu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġejj:**

**“L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma jistgħu jiskambjaw informazzjoni fuq livell bilaterali jew multilaterali b'mod partikolari sabiex jikkontrollaw, qabel kwalunkwe reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus ġuridiku ta' din tal-aħħar, meta jkun meħtieġ fl-Istat Membru fejn qabel kienet reġistrata. Tali kkontrollar jista' b'mod partikolari jinvolvi l-użu ta' netwerk elettroniku, fejn il-bażijiet ta' dejta elettroniċi nazzjonali jitqiegħdu għad-disponibilità tal-Istati Membri l-oħra.”**

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tinħoloq il-possibilità li jsir kontroll tal-validità ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali jeħtieġ li jitrawwam l-użu ta' bażijiet ta' dejta elettroniċi kemm f'kull Stat Membru kif ukoll bejn l-Istati Membri.*

## Emenda 11

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – punt 6b (ġdid)**  
Direttiva 1999/37/KE  
Anness I – Punt II.5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6b. Il-punt li ġej għandu jiġdied mal-punt II.5 tal-Anness I:**

***"(Y) prova (pereżempju timbru, data, firma) tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali (li għandu jiġi ripetut kemm ikun hemm bżonn)."***

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li titnaqqas il-burokrazija u biex titħaffef il-ħajja ta' kuljum tal-utenti tal-vetturi jeħtieġ li jiddaħħlu l-prova tal-aħħar test tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali (li tkun turi l-validità tat-test tal-affidabilità stradali) fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. B'hekk tingħata l-possibilità lill-awtoritajiet li ma joħorġux dokument ieħor addizzjonali li jkun jiddikjara li ċ-ċertifikat tal-affidabilità huwa validu, u li l-utenti tal-vettura għandhom iġorru magħhom il-ħin kollu.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### L-Objettivi tal-Proposta

Din il-proposta bħala parti mill-‘Pakkett tal-Affidabilità Stradali’ għandha l-għan li tappoġġja u tinforza l-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi bil-mutur bil-ħsieb li ssaħħaħ is-sikurezza stradali u l-ħarsien ambjentali. Hija ttejjeb l-infurzar tas-sistema tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u tal-ispezzjoni waqt it-traġitt, l-aktar fil-każ fejn il-kundizzjoni teknika ta' vettura toħloq riskju imminenti għas-sikurezza stradali, permezz ta' miżuri bħalma huma l-irtirar temporanju jew il-kanċellazzjoni permanenti tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Qabel ma vettura titħalla titqiegħed fis-suq, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' approvazzjoni tat-tip rilevanti jew dawk individwali li jiggarrantixxu l-aqwa livell ta' standards ta' sikurezza u ambjentali. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li, għall-ewwel darba, jirreġistra kwalunkwe vettura li tirċievi l-approvazzjoni tat-tip Ewropea fuq il-bażi ta' "Ċertifikat ta' Konformità" li jinħareġ mill-produttur tal-vettura. Din ir-reġistrazzjoni hija l-awtorizzazzjoni uffiċjali għall-użu fit-toroq pubbliċi u tinforza d-dati differenti ta' introduzzjoni tar-rekwiżiti tal-vetturi differenti.

Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura, din tista' tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, minħabba tibdil fis-sjieda jew trasferiment minn Stat Membru għall-ieħor għall-użu permanenti. Għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet simili dwar il-proċedura għal reġistrazzjoni ta' vettura biex ikun żgurat li vetturi li jippreżentaw riskju immedjat għas-sikurezza fit-toroq ma jintużawx fit-toroq.

L-objettiv tar-reġistrazzjoni tal-vetturi huwa li jiġi awtorizzat l-użu ta' vettura fit-traffiku stradali. Din l-awtorizzazzjoni ssir viżibbli permezz tat-twaħħil tal-pjanċa tan-numru tar-reġistrazzjoni mal-vettura u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

### In-Novitajiet tal-Proposta

Meta mqabbla mal-att eżistenti<sup>1</sup>, il-proposta tipprovdi għal definizzjonijiet aktar preċiżi dwar il-post tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, u tintroduċi l-irtirar u l-kanċellazzjoni ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni.

L-irtirar jiżgura li l-vetturi li jikkostitwixxu riskju immedjat għas-sikurezza stradali ma jkunux permessi fit-triq billi r-reġistrazzjoni tagħhom tiġi rtirata sakemm jerġgħu jgħaddu b'suċċess minn test ieħor tal-affidabilità stradali. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, ma għandux ikun meħtieġ li wieħed jerġa' jgħaddi mill-proċess tar-reġistrazzjoni meta jitneħħa l-irtirar.

Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni oriġinali tal-vetturi li jkunu ġew irreġistrati mill-ġdid fi Stat Membru ieħor tiġi kkanċellata b'mod awtomatiku. Dan jevita r-reġistrazzjonijiet paralleli fi Stati Membri differenti. Ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi li, wara test perjodiku tal-affidabilità

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, kif emendata.

stradali, jkun hemm il-ħtieġa li jiġu skreppjati u dawk notifikati bħala 'vetturi li m'għadhomx jintużaw' għandhom jiġu kkanċellati wara li ssir in-notifika tal-kanċellazzjoni.

Il-proposta tistipula wkoll rekwiżiti ġodda dwar il-bażijiet ta' dejta elettroniċi tar-reġistrazzjonijiet u s-segwitu tar-riżultati tat-testijiet tal-affidabilità stradali, ir-reġistrazzjoni mill-ġdid u d-distruzzjoni tal-vetturi.

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li, permezz ta' atti ddelegati, taġġorna l-annessi filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati ta' konformità kif ukoll il-progress teknoloġiku.

### **Il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur**

Ir-Rapporteur tagħkom tappoġġja l-Proposta tal-Kummissjoni u tipproponi xi emendi sabiex tkun aktar koerenti mal-leġislazzjoni eżistenti u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Ir-Rapporteur tagħkom tissuġġerixxi li jitnaqqas id-daqs taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u li jsir l-immarkar ta' ħolqa elektronika għat-testijiet tal-affidabilità stradali ħalli jitnaqqsu l-karti li s-sewwieqa jridu jgħorru magħhom il-ħin kollu. Hija taqbel li jiġu stabbiliti l-bażijiet ta' dejta elettroniċi, madankollu, tixtieq li dawn il-bażijiet ta' dejta nazzjonali kollha jiġu konnessi ma' Stati Membri oħra ħalli l-identifikazzjoni tal-vettura ssir aktar faċli.

F'dak li jirrigwarda l-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni r-Rapporteur tagħkom tixtieq tiġbdilkom l-attenzjoni għall-fatt li l-istatus ġuridiku u r-responsabilità għad-danni wara li l-vettura tkun inbiegħet, imma qabel iż-żmien li ssir ir-reġistrazzjoni mhuwiex regolat biżżejjed f'kull Stat Membru. Għalhekk għandu jkun possibbli għas-sid tal-vettura li jikkancelli r-reġistrazzjoni ta' vettura hu stess ħalli jkun eżentat minn responsabilità ulterjuri.

Fuq il-linji tal-ġudizzju tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Kummissjoni v. Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-297/05), ir-Rapporteur tagħkom temmen li l-validità tat-testijiet tal-affidabilità stradali għandha tkun rikonoxxuta b'mod reċiproku mill-Istati Membri kollha.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, ir-Rapporteur tagħkom tissuġġerixxi li d-delega ta' setgħat titnaqqas għal perjodu ta' ħames snin li jiġġedded minflok il-perjodu indeterminat.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi			
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0381 – C7-0187/2012 – 2012/0185(COD)			
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	10.7.2012			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.9.2012			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 11.9.2012			
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	IMCO 18.9.2012			
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Vilja Savisaar- Toomast 3.10.2012			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.12.2012	22.1.2013	19.3.2013	23.4.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	39 1 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zile			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Phil Bennion, Spyros Danellis, Isabelle Durant, Janusz Władysław Zemke			
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	George Sabin Cutaș			
<b>Data tat-tressiq</b>	5.6.2013			